MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1928/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Arthur Emanuel Vella abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Arthur Emanuel Vella (293464M)**

**vs**

**Mary Anne Bugeja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm135.40) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-**

**attur Arthur Emanuel Vella assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u ghaxar Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm 110.40), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Arthur Emanuel Vella in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-11.33 a.m. gewwa Triq il-Kardinal Sciberras, Santa Venera, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur Arthur Emanuel Vella, bin-numru ta' registrazzjoni IBE 315 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni EAX 609, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' l-avviz, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-23 ta' Novembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u ghaxar Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm 110.40), u lill-attur Arthur Emanuel Vella l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta' Ottubru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------